**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 262 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Cardona**

Illum 13 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Mario Cardona iben Joseph Cardona u Dorothy nee' Scicluna mwieled Mtarfa nhar il-15 t' Awwissu, 1976 u residenti gewwa 'First Sight', Triq Gharram, Zebbug u detentur tal-karta ta' l identita' 385476 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar id-29 ta' Gunju 2014, mal-wasla tieghek f' Malta minn Zuwara, I-Libja, bil-bastiment MV ALICE;

1. Xjentement importa jew dahhal jew kellu x' jaqsam filli jigu mportati jew imdahhla f' Malta 318 kartuna sigaretti, kif deskritt hawn taht, u dan filli bil-qerq jinharbu jew jigi ittentat li jinharbu id-Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad Dwana dwar dawn is-sigaretti:

    - 10 pakketti b' 20 sigarett kull pakkett Range Royals;

- 50 pakkett b' 20 sigarett kull pakkett American Legend;
- 12-il kartuna b' 200 sigarett kull kartuna American Legend;
- 6 kaxxi b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna American Legend;

2. Talli wkoll fl-istess data, post u cirkostanzi instab li, xjentement, kellu fil pussess u taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew kellu b' xi mod x' jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depozit ta' dawn l-imsemmijja sigaretti,

3. Talli wkoll fl-istess data, post u cirkostanzi, kellu b' xi mod x' jaqsam filli ghamel xi dikjarazzjoni jew issottometta xi dokument jew informazzjoni li bid-dehen tieghu kienet falza fdettal sostanzjali fis-sens illi naqas li jiddikjara l-istess sigaretti fil-Crews' Effects Decleration u fix-Shi' s Stores Declaration;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-18 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 60 (b) (h) (k), 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k) (m), 68 (1), 69 (1) (2), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, u l-Artikoli 16 (1) (i) (j), 17 (1) (a) (d) u 17 (2), tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kapitolu 382, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Mario Cardona:

1. Mhux hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi; izda
2. Hati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah:

a. Ghall-piena tal-multa fis-somma ta' €600 li terz minnha ossia €200 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur

Generali (Dwana); il-bilanc ossia €400 ghandu jithallas skond il-ligi.

b. Ghall-piena ta' tlett (3) ijiem prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal Artikolu 28 A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena mil-lum.

Fuq l-insenjament tas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq imsemmija, u skond il-Ligi, din il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tas-segwenti:

A. Tas-sigaretti/tabakk esebiti w indikati fin-nota ta' Qbid 70/2014 Dok JC 1; u

B. tas-somma ta' €40,000 li tirrapprezenta u ssostitwiet il-vettura tal bahar/bastiment MV Alice (originarjament elevat izda sussegwentement rilaxxat).

Il-Qorti spjegat lil Mario Cardona, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikoli 28 A u 288 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi:
   (i) TIKKONFERMAHA fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu; u,

(ii) THASSARHA U TIRREVOKAHA fil-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet, billi minflok issib htija w tinfliggi fuqu l-piena idonea skond il-ligi.

Rat illi permezz ta' nota datata it-22 ta' Mejju, 2022, il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza.

A. L-Aggravvji

Rat illi fil-25 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f' dan l-umli rikors;

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata stqarret illi minhabba l-fatt li l-prova tas-sigaretti jidher ma saritx, jezisti ostakolu fil-provi, u a bazi tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Camilleri*** [1] u ***Il-Pulizija vs. Michael Borg et***, [2] l-imputat ma jistghax jinsab hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet;

[1] ***Il-Pulizija vs. Raymond Camilleri*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera fis-seduta tal-5 ta' April tas-sena 2022 (App. Nru. 458/2021).
[2] ***Il-Pulizija vs. Michael Borg et***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera fis-seduta tal-15 ta' Jannar tas-sena 2019 (App. Nru. 312/2018).

Illi fis-sentenza ***l-Pulizija vs. Raymond Camilleri*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' April 2022, gie ritenut:

> Illi b' qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizulta li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma thallas. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. **Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x' inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal ' sigaretti' misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem ' Business Royals Red' u ' Oris Super Slms Light' u ' Marlboro Red' u ' American Legend' , ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil-kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi [3]. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.
>
> (…)

[3] Vide *footnote* n. 5.

> Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. (…)
>
> Ghalhekk fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi.
>
> Fin-nuqqas ta' dan, il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti.'

Illi l-esponent, b' kull dovut rispett, ghandu r-rizervi tieghu dwar din il-parti tas-sentenza hawn fuq citata, li giet applikata *in totum* mis-sentenza appellata;

Illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-grad tal-provi rikjest mill-ligi li jorbot il-Prosekuzzjoni f' kazijiet li jaqghu taht l-artikolu 77 tal-Kap. 37 huwa dak tal-*prima facie*, u ghalhekk f' kazijiet bhal dawn il-Prosekuzzjoni mhijiex mistennija li titlob il-fetha ta' Inkjesta Magisterjali jew il-hatra ta' espert sabiex in-natura jew l-kwalita' ta' l-oggetti in kwistjoni jigu annalizzati u kkonfermati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Sydney Ellul Sullivan*** deciza fil-15 ta' Lulju 2004,[4] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-Onorevoli Imhallef Geoffrey Valenzia stqarret:

> Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma

[4] Appell. Nru. 127/2002/1

kienx thallas[5], imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li d-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.

Illi fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Louis Frendo*** deciza fit-12 ta' Marzu, 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, gie ritenut illi:

> 'hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/*levy* fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f' kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/*levy* fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant.'

Illi ghalhekk, permezz ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, l-legislatur irrikonoxxa l-fatt illi huwa impossibbli u ferm imprattikabbli ghall-Prosekuzzjoni li f' kull kaz [6] li jaqa' taht dan l-artikolu ghandha titlob il-hatra ta' espert (u/jew Inkjesta Magisterjali) sabiex jikkonferma li l-oggetti kollha in kwistjoni huma ta' certu natura jew kwalita' u ghalhekk huma kollha soggetti ghall-ligijiet doganali u fiskali Maltin;

Illi ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponent, il-ligi taht l-imsemmi artikolu 77 taghti lill-Prosekuzzjoni l-fakolta' biex takkuza lil xi hadd a bazi ta' provi *prima facie* (fil-fatt, il-verzjoni Ingliza ta' l-istess ligi tuza l-kelma "*claim*") dwar certu oggetti li dahlu Malta **li jidher li ghal xi raguni** d-dazju fuqhom ma thallasx, salv ghad-dritt ta' l-akkuzat biex jirribatti l-*claim prima facie* tal-Prosekuzzjoni billi

[5] Sottolinear tal-esponent.
[6] Kemm il-kazijiet zghar kif ukoll dawk kbar, **bhal per ezempju fil-kawza odjerna, fejn kien hemm iktar minn 60,000 sigarett biex jigi ezaminat minn espert.** In oltre, dejjem fl-umli fehma tal-esponent, **ikun impossibbli w imprattikabbli wkoll biex il-Prosekuzzjoni tesebixxi ritratti ta' dawn it-60,000 sigarett fl-atti tal-process, li xorta wahda ma jistghux jintuzaw bhala provi li tali sigaretti kienu sigaretti li jinkludu t-tabakk**.

jipproduci l-evidenza tieghu biex juri li, fil-verita' , **hu kellu raguni valida** [7] ghalfejn ma kienx hallas dazju fuq tali oggetti malli dahhalhom gewwa Malta, jew li d-dazju fuqhom diga' giet imhallsa;

Illi kif johrog car mill-atti tal-process odjern, l-*claim prima facie* tal-Prosekuzzjoni li l-kaxxi tas-sigaretti kienu jinkludu sigaretti **qatt** ma gie kkontestat mid-Difiza – anzi, huma stess kemm -il darba kienu identifikaw l-oggetti in kwistjoni bhala sigaretti;

Illi ghalhekk l-esponent b' umiljanza kollha jirrileva illi jaqbel mas-sentimenti tal-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata fejn kienet stqarret is-segwenti:

> 'Illi din il-Qorti, bid-dovut rispett, ghandha r-rizervi taghha dwar l-interpretazzjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali[8] fuq dan il-punt specifiku tal-ispostament tal-prova. Din il-Qorti hi tal-fehema umili illi s-sejba tas-sigaretti li fuqhom ma thallasx dazju[9], ghandu jitqies bhala fatt wiehed u shih, u li m' ghandux jigi disseminat, u allura dak bhala fatt shih ghandu jitqies li hu sufficientement ippruvat mill-prosekuzzjoni, ghax hekk bhala fatt shih hu prezunt mill-ligi; u kwindi, minn dak il-mument lil hemm, ghandu jkun l-imputat, jekk hekk irid jaghmel, li jressaq il-prova li d-dazju fuq dawk is-sigaretti (u jekk ma kellux jithallas dazju ghax l-oggetti ma kienux sigaretti, ghandu jkun l-imputat innifsu li jitlob ghal dik il-prova) kienx thallas jew le' ;

---

[7] **Per ezempju li c-citazzjoni tal-Proskeuzzjoni kienet zbaljata fis-sens illi l-kaxxex tas-sigaretti in kwistjoni ma kellhomx sigaretti go fihom, u ghalhekk tali oggetti fil-fatt ma kienux dazzjabbli skond il-ligi.**

[8] Fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Camilleri***, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera fis-seduta tal-5 ta' April 2022, u ***Il-Pulizija vs. Michael Borg et***, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019.

[9] Sottolinear tal-esponent.

Illi din il-fehma hija appoggjata minn diversi sentenzi ennuncjati mill-Qrati taghna;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Victor Calleja,*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali f' seduta preseduta mill-Onorevoli Imhallef Godwin Muscat Azzopardi ta' nhar l-24 ta' Awissu, 1990 gie kkunsidrat li:

> 'Fil-kawza ***Pulizija vs. Mario Scicluna*** deciza fis-7 ta' Marzu, 1985 il-Qorti ta' l-Appell kkonfermat il-principju li a tenur ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-kap tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie mhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat;
>
> In sostenn ta' tali principju, il-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi inskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrzultalhiex li thallas id-dazju**.** Minn hemm ' il quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat";' [10]

Illi fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. George Bellizzi,***[11] gie ritenut illi:

> ' Il-Prosekuzzjoni m' ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60 [illum 37] kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b' xi mod kawtelat.
>
> […]
>
> ' M' hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l-importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux

---

[10] Sottolinear tal-esponent.

[11] ***Il-Pulizija vs. George Bellizzi***, il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971

ta' fatt […] Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu.' [12]

Illi l-esponent jirrileva illi, kif gie kkonfermat fl-istess-***sentenza kontra George Bellizzi***, jezisti certu kazijiet li jaqghu taht l-artikolu 77 tal-Kap. 37 fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jibqghux fil-grad ta' *prima facie*, u dan stante li l-kelma ' xjentement' li jfegg fl-artikoli 62(e)(f)(g)(h)(i)(l)(o)(p)(q)(r) ' [taltera] l-piz tal-prova' u f' dawn il-kazijiet il-Prosekuzzjoni jkollha turi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-imputat agixxa xjentement;

Illi, "Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat agixxa xjentement biex a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni, b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata, c) jew tali oggetti kienu zdazjati, d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill-postijiet imsemmija fl-istess subinciz';

Illi, f' dan l-ezempju, ' jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant filksaz odjern appellat zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b' daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn' ;

Illi "Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 taht l-Artikolu 77";

[12] Sottolinear tal-esponent.

Illi f' din is-sentenza l-Qorti tal-Gustizzja kienet stabbilixxiet ukoll li madankollu, ' il-ligi ma tuzax il-kelma "xjentement" fil-paragrafi kollha ta' dan l-artikolu' w fil-fatt il-paragrafi (a)(b)(c)(d)(j)(k)(m)(n) tal-Artikolu 62 ma juzawx din il-kelma;

Illi ghalhekk dawn il-paragrafi ta' l-Artikoli 62 ma jirrikjedux provi tax-xjenza tal-akkuzat, u b' hekk, dejjem skond il-gurisprudenza citata, f' dawn il-kazijiet ma hemmx '[alterazzjoni] tal-piz tal-provi' u l-grad tal-provi jibqa' fuq il-livell tal-*prima facie*;

Illi l-esponent bir-rispett ser iqis il-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni rigwardanti l-oggetti in kwistjoni;

Illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-iSpettur Daryl Borg, '[hu ircieva] il-*letter to prosecute* mid-Dwana u kienu ghamlu l-investigazzjonijiet huma minn naha taghhom, ghax kienu fuq il-post. [Dan ix-xhud] fl-ebda hin [ma kien] fuq il-post (a fol. 10);

Illi matul ix-xhieda ta' Mario Mifsud, l-iSpettur tal-*Enforcement* gewwa d-dipartiment tad-Dwana (a fol 21 et seq. tal-atti processwali), gie kkonfermat illi:

> 'Xhud: […] Morna fuq il-vapur, […] staqsejna lill-*crew* ghandhomx xi sigaretti x' jiddikjaraw u dawn qalulna ghandna xi sigaretti hawnhekk fl-*istore*. Meta fittixna sibna ghaxar pakketti Range Royals sigaretti, hamsin pakkett American Legend u zewg kartuniet American Legend. Dawn sibnihom fl-*istore* fuq. Fil-presenza tas-sur [Philip] Cardona [li jigi s-sid tal-bastiment] komplejna infitxxu, u fl-*isteering room* isfel sibna sitt *master cartons* sigaretti American Legend u ghaxar kartuniet maghhom.
>
> […]
>
> Difiza: ' […] naqblu li kienu l-*crew* stess illi indikawlek dawn is-sigaretti fejn kienu?

Xhud: le, il-crew meta staqsejthom ghandhomx xi sigaretti personali taghhom indikawli biss li kellhom fl-*istore* fejn kellhom xi affarijiet tat-tisjir u hekk. L-ohrajn ma qalulix bihom' .

Illi x-xhieda ta' Mario Mifsud kienet giet ikkorroborata mix-xhieda ta' Carmel Callus[13] u Brian Grima[14], t-tnejn Ufficjali tad-Dwana, li lkoll kienu marru fuq il-post u kienu parti mill-investigazzjonijiet tad-Dwana f' dan il-kaz;

Illi f' dan l-istadju huwa importanti li jigi accennat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Martin Cachia***,[15] li giet ikkwotata fis-***sentenza kontra Raymond Camilleri*** (surreferita),[16] il-Qorti kienet sostniet illi ' ghalkemm id-DVDs gew mghoddija lid-Dwana, hadd mill-ufficjali tad-Dwana ma xehed dwar l-allegata provenjenza taghhom, cioe' jekk dawn id-DVDs kinux importati. Is-semplici konferma tal-*letter to prosecute* mhijiex certament prova li d-DVDs kienu importati';

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza citata wiehed jista' jikkonkludi illi fil-kawza odjerna, ix-xhieda tal-ufficjali tad-Dwana ghandha titqies bhala 'certament prova' li s-sigaretti li gew mghoddija lilhom kienu gew importati ai termini tac-citazzjoni;

Illi ta' rilevanza wkoll hija l-fatt illi ghalkhemm matul l-istqarrija tal-Kaptan, *ossia* l-appellat Mario Cardona, esebita bhala Dok. DB1 fl-atti tal-process, l-appellat kien stqarr illi ' ma kontx naf bihom [is-sigaretti]' (a fol. 14), waqt ix-xhieda ta'

---

[13] Vide fol 31 et seq. tal-atti tal-process odjern.
[14] Vide fol 38 et seq. tal-atti tal-process odjern.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2006 (Appell Kriminali Numru 155/2004)
[16] Vide pagna 23 tas-sentenza ***Il-Pulizija vs. Raymond Camilleri*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera fis-seduta tal-5 ta' April tas-sena 2022 (App. Nru. 458/2021).

Mario Mifsud, l-iSpettur tal-*Enforcement* gewwa d-Dwana, gie rilevat illi l-istess appellat kien informa lid-Dwana illi ' dawk is-sigaretti jithallsu bihom [*il-crew*] bhala tips' (a fol. 22[17]); Illi, in oltre, skond ix-xhieda ta' l-appellat Mario Cardona stess, gie kkonfermat illi s-sigaretti in kwistjoni ' […] kienu l-kaxxi miftuhin u stivati gol-Kamra tal-ikel biex ***ipejpu*** minnhom' ;[18]

Illi ghalhekk, apparti mill-fatt illi l-*Enforcement Unit* tad-Dwana kienu kkonfermaw li kienu sabu oggetti li huma identifikaw bhala sigaretti, f' din il-kawza kien hemm ukoll id-dikjarazzjoni carissima tal-appellat stess illi dawn l-oggetti kienu xejn hlief sigaretti;

Illi b' hekk, fl-umli fehma tal-esponent, il-Prosekuzzjoni kienet resqet bizzejjed provi biex turi illi l-appellat kien importa jew dahhal gewwa Malta s-sigaretti in kwistjoni u li d-dazju fuqhom *deher* li ma thallasx.

**It-Tieni Aggravju**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-esponent, fil-kawza odjerna l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkonsidra wkoll dak li jipprovdi l-artikolu 650(1) tal-Kodici Kriminali, li jistipola illi fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja;

Fil-kuntest ta' kaz simili hafna ghal kaz de quo u li jinvolvi wkoll il-kwistjoni ta' jekk espert ghandu jigi mahtur f' kaz partikolari jew le, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderic Tanti**, deciza fil-25 ta' Gunju 2004, irritjeniet illi:

[17] Enfasi tal-esponent. Ara wkoll fol. 24-25, 34 u 40-41 tal-atti tal-process odjern.
[18] Enfasi tal-esponent. *Vide* a fol. 98 tal-atti tal-process odjern.

*' Il-kontestazzjoni primarja tad-Difiza hija dwar il-kontenut li hemm f' dawn il-fliexken, mhux daqstant in-numru tal-fliexken. Fil-fatt anke mit-trattazzjonijiet jidher li d-Difiza qeghda tikkontesta l-grad tal-prova li ghaliha waslet il-Prosekuzzjoni in kwantu ghall-fatt li qatt ma gie mqabbad espert biex jistabilixxi x' kien il-kontenut tal-fliexken*[19] *maqbuda u cioe biex jistabilixxi jekk tali fliexken kinux mimlija bil-whisky u vodka kif allegat. Illi fil-fatt waqt dawn it-trattazzjonijiet tad-Difiza gie anke sollevat ezempju li jekk persuna tinqabad tpejjep hemm bzonn u necessita' ta' espert li janalizza jekk is-sigarett li qed jitpejjep hux sigarett li komunement wiehed ipejjep cioe dak kontenenti nikotina jew hux wiehed maghmul minn sustanza tossika per ezempju haxixa.*

Il-Qorti in determinazzjoni ta' din il-lanjanza se taghmel referenza ghall-artiklu 546 (2) tal-Kap. 9, specifikament ghall-proviso ta' l-istess artikolu […].

Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil-fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l-Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F' dan il-kaz l-inkjesta saret. F' dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal-fliexken.[20]

Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken izda ma hassx il bzonn ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il-Perit Aquilina li […] ghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol. Tfakkar il-Qorti li **l-alkohol hu oggett komunement ikkunsmat,**

[19] Sottolinear tal-esponent.
[20] Sottolinear tal-esponent.

**u hu likwidu li fil-maggoranza tan-nies jew ahjar hafna min-nies huma familjari mieghu**. Mhux hekk fil-kaz tad-droga. **Ghalhekk ma thossx il-Qorti li f' dan il-kaz kien jehtieg biex jigi pruvat li l-kontenut tal-fliexken bit-tabelli whisky u vodka kien verament il-likwidu whisky u vodka, li kellu jitqabbad espert.**[21]

Din il-Qorti hi konfortata bil-fatt li in kwantu kien hemm fliexken tax-xorb miksurin, kien hemm riha ta' xorb bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' x' kien dak ix-xorb."

Illi fil-fehma tal-esponent, ir-ragunament ta' l-Onorabbli Qorti fil-kawza **<u>kontra Roderic Tanti</u>** tista' tigi applikata *in totum* fil-kawza odjerna, u dan stante illi f' din il-kawza wkoll ma kienx tinhtieg hila jew sengha specjali – u ma kienx hemm lok li tigi ordnata perizja – biex l-oggetti in kwisjtoni jigu kkonfermati bhala sigaretti, u dan stante illi s-sigaretti huma oggetti komunement ikkunsmati w l-maggoranza tan-nies, inkluz l-ufficjali tal-*Enforcement Unit* tad-Dwana, huma familjari mas-sigaretti;

Illi hawnhekk ta' rilevanza wkoll hija dak li stqarr Lord Denning fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Miller vs. Minister of Pension</u>***[22] dwar it-tifsira ta' *proof beyond a reasonable doubt*, li gie mfisser bhala s-segwenti:

*' Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.'*

[21] Enfasi tal-esponent.
[22] House of Lords, in ***<u>Miller vs. Minister of Pensions</u>*** [1947] 2 All ER 372, 373.

Illi għalhekk il-Prosekuzzjoni u l-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża odjerna kellhom raġun meta ma ħassewx il-bżonn li jiġi kkonfermat jekk il-kontenuti tal-kaxxi tas-sigaretti bit-tabelli *Range Royals* u *American Legend* verament kienu sigaretti tar-*Range Royals* u *American Legend,* u b' hekk l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati f' din il-kawża kellha tinkonkludi li *' of course it is possible but not in the least probable'* li tali kaxxi ma kienux jinkludu sigaretti tat-tabakk;

Illi fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża odjerna kellha tħossha konfortata[23] bil-fatt illi l-appellat stess qal matul ix-xhieda tiegħu illi ' […] kienu l-kaxxi miftuħin u stivati ġol-Kamra tal-ikel biex ipejpu minnhom' .[24] Illi *di piu'* , f' diversi drabi ta' l-atti processwali odjen insibu li l-istess appellat kemm -il darba kkonferma li tali ' sigaretti' kienu ntużaw bħala *tips* biex jitħallsu bihom il-*crew*, u dan kollu jfisser li l-appellat innifsu qatt ma kellu l-iċken dubju li l-oġġetti in kwistjoni kienu sigaretti;

Illi huwa kontro sens kif il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza appellata kienet identifikat l-oġġetti in kwistjoni bħala sigaretti meta sabet lill-appellat ħati tat-tielet imputazzjoni, minħabba li *'naqas li jiddikjara l-istess sigaretti'.*

Semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża u dan fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2022.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti;-

---

[23] Bħal kif ħasset fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Roderic Tanti*** hawn fuq ċitata.
[24] Enfasi tal-esponent. *Vide* a fol 98 tal-atti tal-process odjern.

Rat ix-xhieda ta' l-**ispettur Daryl Borg** moghtija nhar l-14 ta' Dicembru 2015 fejn ipprezenta l-istatement mehud tal-appellat markat bhala dok DB1 a fol. 13 fejn l-appellat kien ammetta li kien il-kaptan tal-bastiment bl-isem MV Alice u li kien qieghed jaghmel xi vjagg ta' karozzi mill-Libya lejn Malta. Meta gie mistoqsi dwar is-sigaretti kien stqarr li kien qieghed id-dar u xi tlett sieghat wara kienu cemplulu biex jerga jmur fuq il-post fejn il-bastiment ghax kien hemm tad-Dwana. Kif wasal fuq il-post fejn il-bastiment kien sab xi membri tad Dwana u kien sab li kienu qalulu li kienu sabu xi sigaretti abbord il-bastiment. Ma qallu xejn iktar jekk kienux tieghu jew le. L-istqarrija giet markata bhala dok DB1.

Ma rrizultalux min kien sid il-bastiment u l-appellat kien biss il-kaptan. Kien qallu li ma jaf xejn dwar is-sigaretti u dawn instabu fil-pussess tal-crew tieghu. Mistoqsi jekk investigawx il-crew jghid li le u lanqas kien jaf min huma. Huwa kien ircieva *letter to prosecute* mid-Dwana u kienu ghamlu l-investigazzjonijiet min naha taghhom fuq il-post izda huwa fl-ebda hin ma kien mar fuq il-post. Mistoqsi jekk l-appellat kienx qallu li kien hallas il-biljetti ta' min kienu is-sigaretti u baghthom lura lejn pajjizhom jghid li ma jiftakarx.

**John Camilleri** xehed nhar l-14 ta' Dicembru 2015 u pprezenta l-*letter to prosecute* fil-konfront tal-appellat u dan gie markat bhala dok JC. Huwa esebixxa ukoll is-*seizure note* fuq is-sigaretti imsemmija li giet markata bhala dok JC1. Esebixxa ukoll formalment is-somma ta €40,000 li gew markati bhala dok JC2 biex bhekk l-appellat ha lura l-bastiment MV Alice. Huwa esebixxa ukoll formalment l-allegati sigaretti.

**Mario Mifsud** xehed nhar l-14 ta' Docembru, 2015 u spjega li jokkupa l-kariga ta' inspector fl-enforcement fid-Dipartiment tad-Dwana. Jispjega li fid-29 ta' Gunju, 2014 cemplulhom mill-*bagage room* li dahlet lanca MV Alice u ghamlu tfittxija fuqha. Qabel ma marru gabru l-pratka, dikjarazzjoni tal-merkanzija li hemm fuq

il-lanca u jekk kien hemm xi oggetti soggetti ghad-dazju. Marru fuq il-vapur u sabu xi crew members u staqsew ghal kaptan. Qalulu li l-kaptan kien gja telaq id-dar ghax kien ilhom li dahlu ftit tal hin qabel. Meta qalulhom biex xi hadd minnhom icempel lil sid id-dghajsa u cioe lil Philip Cardona wara ftit tal-hin wasal fuq il-post.

Staqsew lil crew ghandhomx xi sigaretti x'jiddikjaraw qalulhom li kellhom fl-istore. Huma sabu ghaxar pakketti Range Royals sigaretti, hamsin pakkett Americal Legend u zewg kartuniet American Legend. Dawn sabuhom fuq. Komplew ifittxu fil-presenza tas-sur Cardona u fl-*isteering room* t'isfel sabu sitt master cartons sigaretti American Legend u ghaxar kartuniet maghhom. Wara ftit tal-hin wasal l-appellat li kien il-kaptan u qalilhom li dawk is-sigaretti jithalsu bihom bhala tips. Huma imbaghad zammew is-sigaretti u ghaddew kollox lid-Dwana. Huwa gharaf lill-appellat fl-awla. Mistoqsi jekk gewx infurmati li s-sigaretti kienu ser ikunu fuq il-bastiment jghid li le. Skond il-pratka ma kien hemm xejn imnizzel bhala dikjarazzjoni Mistoqsi jesebixxi l-pratka jghid li m' ghandux kopja taghha. Il-crew kienu qalulu li l-vapur kien dahal xi siegha qabel Mistoqsi jekk xi hadd ha responsabilita taghhom jghid li le jiftakar li l-kaptan qallu li jithalsu bihom bhala *tips*. Mistoqsi jekk il-kaptan qallu li ma jafx bihom jghid li nesa izda jista jkun. Huwa gharaf l-ircevuta dwar l-oggetti li gew mizmuma minnhom markat bhala dok MM u MM1.

**Carmel Callus** xehed nhar l-14 ta' Dicembru, 2015 u jghid li nhar id-29 ta' Gunju, 2014 kien gie notifikat mill-*bagage room* li dahlet lanca Alice MVu li l-pratka kienet tghid li ma kien hemm xejn dazzjabli fuqha Jghid li fl-istores sabu ammont ta' sigareti. Imbaghad nizlu fl-*isteering room* u sabu iktar sigareti. Muri d-dokument M u M1 ighid li dawk huma ricevuti mahruga minnhom u li sid il-vapur ma riedx jifirma. Fuq iz-zewg dokumenti hemm il-firma tieghu. Qal li jahseb li kienet

ghaddiet siegha min meta dahal il-vapur fil-port u marru huma abbord. Meta telghu abbord kien hemm biss membri tal-ekwipagg.

Dawn qalulhom li fl-istore kelhom xi sigaretti izda huma komplew ifitxu u sabu iktar sigaretti fl-*isteering room*. Dak il-hin Philip Cardona kien prezenti maghhom. Mario Cardona wasal fuq il-post wara li kien gja wasal Philip Cardona. Dan qallhom li l-ekwipagg kienu thalsu bis-sigaretti bhala *tips.* Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd mill-ekwipagg li ha r-responsabilita taghom jghid li ma jiftakarx. Is-sigaretti li indikawlhom l- ekwipagg fl-istore sabuhom qabel ma wasal Philip Cardona fuq il-post. L-ohrajn sabuhom ghax maru ifittxu.

**Brian Grima** xehed nhar l-14 ta' Dicembru 2015 u jghid li nhar id-29 ta' Gunju 2014 ghal-habta tad-disgha u kwart kelhom telefonata mil-*bagage room* li kien diehel il-vapur Alice MV min Zuara il-Libya. Gabru l-pratka fejn iccekjaw li ma kien hemm xejn dikjarat li kellu jtihallas id-dazju fuqu u ghamlu tfitxija fuq il-vapur ghal xorb u sigaretti. FL-istore sabu xi ammont ta' allegat sigareti. Dak il-hin wasal Philip Cardona u staqsewh jekk kienx jaf bihom u jekk kellux iktar sigaretti u komplew bit-tfitxija taghom. Fl-*isteering room* sabu iktar kaxxi. Il-kaptan l-appellat wasal fuq il-post wara ftit ta' hin. Huwa gharaf lil-apellat pero jghid li ma kelmux ghaliex kien qed jassisti lis-superjuri tieghu. Jikkonferma li Mario Cardona wasal wara li sabu is-sigaretti fl-*isteering room.* Dan qalhom li s-sigaretti kienu tal-crew u li kienu tips li qalghu huma. Mistoqsi jekk rax il-pratka jghid li kien halla kollox f'idejn is-superjuri tieghu.

**Lawrence Cutajar** xehed nhar l-14 ta' Dicembru 2015 u jghid li fid-29 ta' Gunju, 2014 kien stazzjonat l-airport u ircieva telefonata biex jinzel hdejn shabu il-Marsa ghaliex kienu qabdu dghajsa b'si sigaretti. Huwa mar fuq il-post indikat lilu u sab numru ta' kaxxi ta' sigaretti u refaghhom ghall-ufficcju taghhom.

**Domnic Calleja** xehed nhar it-18 ta' April, 2016 u spjega li nhar id-29 ta' Gunju 2014kien dahal ghax-xoghol fit-8.00a.m. Ghal habta tat-8.30 ma impjegat ta K Shipping u hadillhom pratka. Ra li kienet gejja lanca mill-Libya u s-soltu meta jkun gej vapur mill-Libya jew minn barra pajjiz tal-komunita Ewropeja huma jigu avzati jmorru fuqha. Din id-darba pero ma kienu jafu xejn. Mmar dan l-impjegat bil-karti ccekkjhom u hass li ghandu jinforma lill-kollega tieghu ta' l-enfocement u minn hemmhekk dawn marru fuqha u gara dak li gara. Jghid li huwa ma marx fuq id-dghajsa.

L-impjegat ta' K Shipping kien jismu Daniel Mercieca. Huwa pprezenta dokumenti li gew markati bhala dok DC kif ukoll il-*general declaration form* li giet markata bhala dok DC1. Fuq dawn id-dokumenti ma kien gie dikjarat xejn lanqas fuq l-IMO li gie markat bhala dok DC2. Gie esebit ukoll s-*ships declaration* u dan gie markat bhala dok DC3 fejn kellu jigi dikjarat kul haga dazzjabbli. Fuq dan id-dokument ma kien hemm imnizzel xejn. Din id-dikjarazzjoni saret mil-kaptan. Din il-formola tista tintbghat kemm mill-agent kif ukoll mill-kaptan tal-lanca. L-ufficcjali tad-Dwana normalment jiccejkkjaw jekk il-pratka tirriflettix id-dikjarazzjoni li jkun meta il-kaptan tad-dghajsa. F'dan il-kaz ma garax hekk kien mar biha l-agent.

**Mario Abela** xehed nhar it-18 ta' April 2016 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Principal Caluation Officer mad-dipartiment tad-Dwana. Jghid li kienu baghtulu file b'ammont ta' sigaretti u hargilhom rapport ta' valuation bl-ammont. Huwa ghandu dan id-dokument mahrug minnu li gie markat bhala dok MA. Hemmhekkk hemm indikat kif kienu imqasmin l-kwantitajiet tal-kappetti tas-sigaretti bl-ammont tal-valur taghhom u hemm it-total. L-ammonti jigu miktuba fil-file u ma rax l-oggetti li gew dazzjabbli. Huwa lanqas ra s-sigaretti fl-ebda hin.

**Michael Savona** xehed nhar it-18 ta' April, 2016 u spjega illi huwa impjegat bhala Assistent Registratur fi Transport Malta fil- Merchant shipping. Huwa gie mitlub jghati it-tunnellagg tal-bastiment Alice. Huwa pprezenta kopja tat-transcript of registers tad-dghaja Alice. Dan gie markat bhala dok MS. Huwa pprezenta ukoll kopja tac-certifikat tas-*survey* billi gew mitluba biex jixhdu fuq it-tunellag tad-dghajsa. Dan id-dokument gie markat bhala Dok MS1. San id-dokument jigi preparat mis- surveyor awtorizzat mill-bandiera Maltija. Hemmhekk hemm il-kalkoli kollha tad-dghajsa flimkien mat-tunellag u kif jinhadem dan it-tunellag.Taht il-Bandiera Maltija vapur wihed biss jista jigi registrat bl-isem Alice ma jistax ikun hemm vapur iehor bl-istess isem.

**Kevin Attard** xehed nhar it-18 ta' April, 2016 u spjega li huwa jahdem ma K shipping Agency Limitd u kienu l-agenti ta' Alice MV u kienu hargu l-pratka kemm fid-dhul kif ukoll fil-hrug. Muri id-dokument Dc, DC1, DC3 u DC3 jikkonferma li l-IMO giet mimlija minnhom bhala agenti u fuqhom hemm il-firma ta' rappresentant tieghu Daniel Mercieca.. Jghid li qabel ma jidhol vapur huma jircievu informazzjoni bejn 24 siegha qabel u huma jinfurmaw lil Transport Malta bl-ahbar biex *jipprovdu berthing facility.* Imbaghad meta jidhol il-vapur huma jitilghu abbord biex jivverifikaw il-passaporti tal-crew minhabba ragunijiet ta' immigration. Isaqsu ukoll jekk il-bastiment ghandu xi haga x'jigi dikjarat u naturalment inizlu l-fuel u jindikawh fil l-IMO certificate. Din l-informazzjoni tigi mghodija lilhom mill-kaptan tal-bastiment. F'dan il-kaz il-kaptan kien Mario Cardona u jgharfu prezenti fl-awla bhala l-klijent tieghu. Importanti li kul bastiment li ikun gej mill-libja jigi mistoqsi dwar il-fuel biex ikunu jafu biex ikun dahal u kif ikun ser johrog. Huwa jikkonferma li dakinhar kien prezenti wahdu fuq il-bastiment meta dahal Malta. Fuq id-dokument ikun hemm   il-firma tal-kaptan li jfisser .li jkun qabel ma dak dikjarat minnhom. Spjega u qal li bhala prattika hija id-diskrezzjoni tad Dwana jekk imorrux *upon arrival* biex jghamlu l-*clearance.* Issa jekk ikun gja avzaw lil Port Authorities li jkun dahal vapur u

jmorru bid-dokumenti hija id-diskrezjoni taghhom gili ihallulhom id-dokument hemmhekk imbaghad jmur jghamel spezzjoni il-*Bagage room people* u gili marru maghhom biex issir il-pratka ghaliex ma ikollhomx karozza. Dan mhux dejjem isir ghaliex jista jkun ikunu kuntenti bid-dikjarazzjoni taghhom.

**Daniel Mercieca** xehed nhar it-18 ta' April 2016 u spjega li huwa impjegat ma Kevin Attard Holdingss li tikkonsisti fi tlett kumpaniji Customs & Freight, K Shipping u kumpanija ohra. Huwa impjegat ma Customs & Freight u xoghlu jikkoncerna l-export. Muri id dok DC, DC1, DC2 u DC3 u jghid li l-*handwriting* hija tieghu u anke hemm il-firma tieghu. Il-firma tal-vapur mihiex tieghu izda il-firma hdejn K Shipping hija tieghu. Qal li huma kumpanija zghira ta' erba' minn nies. Kien gie mitlub biex ighin u jghaddi l-karti tal-vapur Alice. L-informazzjoni ta' kif mela l-karti hadha minghand Kevin Attard u mar u ghadda il-karti, l-ewwel lill-Pulizija billi taha il-crew list imbaghad il-*baggage room* fejn inghata id-*declaration*, ic-certifkat tal-vapur u dettalji ohra kon simili.Mistoqsi jekk telghax fuq il-vapur **jghid li le fl-ebda hin. Id-dokument melihom fuq l-informazzjoni li gie moghti minn Kevin Attrd**. Jikkonferma li fl-ebda hin ma iltaqa' mal-kaptan.

**Mario Cardona** l-appellant xehed minn jeddu u b'mod volontarju quddiem l-ewwel Qorti nhar it-13 ta' Mejju, 2019 u kkonferma li dakinhar tad-29 ta' Gunju 2014 huwa kien il-kaptan tal-bastiment Alice MV. Qal li meta ikunu dehlin fil-port jghajtu lil agent u dan jmur biex jghamel dikjarazzjoni ta l-affarijiet li jkun hemm abbord. Dakinhar qallu li kien ser jmur aktar tard. L-agent kien Passalaqua. Ghalhekk huwa mar id-dar u wara li kien ilu hemm xi tlett kwarti siegha cemplulu tad- Dwana u talbuh jmur naqra fuq il-post fejn kien hemm il-lanca. Hemmhekk sab il-crew li kienu fuq il-lancja. Qal li dakinhar kienu gejjin minn Tripli, gewwa l-Libya. Kienu erbgha Egizzjani u wiehed Malti. Dawn jiehdu hsieb il-hbula u jnizlu u jtellghu l-affarijiet abbord.

Wara xi ghoxrin minuta minn meta ircieva it-telefonata mar fuq il-lanca u sab il-crew u kellhom erbgha kaxxi sigaretti hdejhom. Wiehed fejn kul wiehed. Jghid li kien sab lil Mario Mifsud u l-ewwel ma staqsa kien ta' min huma dawn is-sigaretti. Dawn qalulu li kienu tieghu. Il-kaxxi kienu miftuhim u stivaia gol karma ta' l-ikel biex ipejpu minnhom.Huwa qal lil Mario Mifsud li s-sigaretti ma kienux tieghu u li lanqas ma kien jaf bihom, hu fil-fatt lanqas ma jpejjep. Qallu ' *iva issa infitxu lilek u inti fittex il-crew'*. Imbaghad xi 6 jew 7 xhur wara cempillu l-Ispettur biex imur l-ghassa.

Huwa fil-fatt irrabja hafna mal-crew u keccihom 'l hemm billi halsilhom il-passag u telqu lejn pajjizhom. Qal li semaghhom jghidu li is-sigaretti gew moghtija lilhom mill-port bhala ringrazzjament ghax kienu garrew affarijiet f'kundizzjoni tajba. Din id-darba kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu kienu jiltaghu l-crew kollu u jghidu x'ghandhom u m 'ghandhomx lill-agent. Izda dik id-darba din lanqas biss saret. Fl-ahhar jiffirma hu izda din id-darba ma iffirma xejn. Is-soltu jkun hemm l-agent u huwa meta issir il-pratka u dan ghaliex ghandhom 24 siegha biex jghamluha. Qal i s-sid tal-lanca huh, Philip Cardona qieghed il-Qorti mad-Dwana fuq l-istess kaz. Dakinhar lanqas ma kien maghhom. Id-dokumenti tieghu dwar il-biljetti tar- ritorn tal-crew jinsabu esebiti fil-kawza civili. Ikkonferma li l-Passlaqua huwa Kevin Attard.

Rat is-sentenzi moghtija fl-ismijiet nhar l-20 ta' Frar, 2017 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u is-sentenza fl-istess ismijiet moghtija mill-Qorti tal-Appelli nhar is-16 ta' Dicembru 2021.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor dwar din il-kawza kienu s-segwenti. Illi nhar id-29 ta' Gunju 2014 l-appellant kien il-kaptan ta' bastiment mgharuf bl-isme Alice MV li wasal Malta minn Tripli, Libya flimkien ma erba' crew Egizzjani u crew Malti. Kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu l-agent ma kienx fuq il-post meta wasal Malta u ghalhekk il-kaptan telaq id-dar mal-wasla tieghu. Ftit wara wasal Kevin Attard, l-agent u telgha abbord u ghamel il-pratka flimkien mal-crew. Il-kaptan ma kienx prezenti ghal din l-ispezzjoni u lanqas ma fil-fatt iffirma l-pratka. Cio nonotante meta wasal siegha wara fuq il-post ra li l-crew tieghu kienu gabu dawn is-sigaretti hawn Malta minghajr il-konoxxenza tieghu u ghalhekk qabad u xtralhom il-biljetti tal-ajru u keccihom barra mill-pajjiz. Jghid il-kaptan bhala spjegazzzjoni ta' dawn is-sigaretti li x'aktarx inghataw lil crew meta kienu fil-port minhabba ix-xoghol li kienu ghamlu.

L-appellant jistqarr *in primis* fir-rikors tal-appell tieghu li qatt ma saret prova li fil-fatt l-oggett li gie Malta kien fil-fatt sigarretti u ghalhekk kien dazzjabbli u a bazi ta' dak deciz fis-sentenzi ta' din l-istess Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Raymond Camilleri**[25] u **l-Pulizija vs Michael Borg et** [26]l-appellat ma setghax jinstab hati tal-ewwel zewg akkuzi. F'dawn iz-zewg sentenzi din il-Qorti kienet iddikjarat li b'qari tal-artikolu 77 tal-kapitolu 27 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi li d-dazzju ma thallas. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-appellant biex jipprova li d-dazzju li jmiss fuq l-oggetti ma gie imhallas jekk l-oggetti kienux importati jew trasburdati jew zbankati skont il-ligi. **Biss pero qabel ma tali oneru tal-prova tinxtehet fuq l-appellant il-prosekuzzjoni la darba trid tipprova li ma thallasx id-dazzju huwa necessarju li tipprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazzju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal kapitolu 37 tal-Ligjiet ta' Malta.**

[25] Deciza nhar il- 5 ta' April 2022
[26] Deciza nhar il-5 ta' April 2019

Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal 'sigaretti' misjuba, biss pero kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu lanqas ma gew prezentati numru ta' ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt tal-allegat sigaretti. Dan huwa relevanti fil-kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellat, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi u dan permezz ta' nomina ta' esperti f'inkjesta magisterjali jew bin-nomina ta' espert waqt is-smiegh tal-provi quddiem il-Qorti ai termini tal-artikolu 650 (2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kien umbghad jispetta lill-imputat appellat biex jipprova li d-dazju thallas. Il-fatt li wiehed mill-ufficjali prosekutur prezenta formalment il-kaxxi li allegatament kienu jikkontjenu s-sigaretti ma jfissirx li ngiebet l-ahjar prova li l-Qorti tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq. In fatti jinghad ukoll li Mario Abela li ghamel l-istima lanqas qatt ma ra s-sigaretti hu stess u qaghad biss fuq dak li intqal lilu minn haddiehor dwar il-konsistenza tas-sejba. Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. Jew addirittura fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni *da parte* mid-difiza li taqbel li l-oggetti misjuba kienu sigaretti tinnomina espert ai termini tal-artikolu 650(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel proviso tal-**artikolu 546(1) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*'Izda fejn jirrizulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taht dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li ghalih kienet tinghata l-piena msemmija f' dan is-subartikolu, nnuqqas li tinzamm investigazzjoni taht dan is-subartikolu m' ghandux, ghal dik ir-raguni biss, jippregudika b' kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew procedimenti kriminali ghal dak irreat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f' dawk il-procedimenti:'*

Ghalhekk fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Fin-nuqqas ta' dan, il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti.

Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) vs Roderic Tanti** ta' 32 sena, iben John u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Awissu, 1968, u li joqghod fl-indirizz 'Earls Court' , Flat 5, J. F. Mark Street, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 336168 (M) Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory u Beatrice nee Frendo, imwieled B' Kara fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod fl-indirizz 'Alexandra' , Flat 5, Sacred Heart Ave. San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M) Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz 'Marpa', Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' 43 494073 (M)' Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2004 (Numru. 98/2001) b' referenza ghall-proviso tal-artikolu 546 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

'Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil-fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l-Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F'dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal-fliexken. Fil-fatt il-Magistrat Inkwirenti lanqas ma hass il-htiega li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant jitqabbad espert tal-fotografija kif espert biex jghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li seta gie konstatat.

L-irwol tal-Qorti hija li tiddeciedi jekk hemmx htija o meno bil-provi esebiti fil-process biss u cioe′ fuq il-provi li ghandha quddiemha u mhux fuq dak li tippresumi li jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti ghandha takkolja dan l-aggravju tal-appellant u tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tressaq l-ahjar prova li dak misjub kienu fil-fatt sigaretti fuq bazi ta′ minghajr dubju dettat mir-raguni. Illi stante li l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba huma, intrinsikament relatati ma sejbien ta′ allegati sigaretti, u stante li din il-Qorti ghandha ssib li ma giex pruvat fuq bazi ta′ minghajr dubju dettat mir-raguni li dak misjub kienu fil-fatt sigaretti, din il-Qorti ma tistax issib htija dwar dawk l-ewwel zewg imputazzjonijiet kif tajjeb iddecidiet l-ewwel Qorti. Fil-fatt filwaqt li l-imputazzjonijiet mahruga fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana) u tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrigwardaw espressament is-sigaretti, huma intrinsikament relatati mas-sejba tal-allegati sigaretti u ghalhekk gialadarba ma ngabitx l-ahjar prova tal-oggett in mertu, din il-Qorti ma tistax issib htija rigward dawn l-imputazzjonijiet.

Dwar it-tielet akkuza l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati taghha u l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu talab li jkun hemm konferma taghha. Stante li l-appellat ma pprezenta l-ebda appell, din it-talba qed tigi milqugha u l-multa inflitta konfermata.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward mertu anke fir-rigward tal-piena imposta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara

Deputat Registratur